MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 1201/2010

**Venerie Falzon**

**vs**

**Marcello Stella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tad-19 ta' Novembru 2010 li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti kienet inkarigat lill-intimat - konsulent kirurgu plastiku - sabiex iwettaq intervent ta' kirurgija estetika fuq gisimha.

2. Illi l-intimat wettaq dan l-intervent b'mod zbaljat u kontra l-prattika medika mistennija minnu, u dan kif ikkonfermat anke minn esperti medici barranin ohra bhal ma hu Douglas H. Harrison.

3. Illi konsegwenza tal-agir negligenti tal-intimat, ir-rikorrenti kellha tigi sottoposta ghal interventi kirurgici ohra sabiex jigi rettifikat l-izball tieghu bi spejjez kbar ghaliha.

4. Illi inoltre r-rikorrenti soffriet danni ohra in konnessjoni mal-istess negligenza tar-rikorrent, fosthom spejjez ghal vizti medici u soggjorn barra minn Malta, kif ukoll telf ta' paga ghal tliet xhur minhabba sick leave li l-istess rikorrenti kienet kostretta tiehu.

5. Illi l-intimat ammetta r-responsabbilita imma kien biss dispost illi jirrifondi lir-rikorrenti d-drittijiet professjonali tieghu, skond hu ammontanti biss €1,281.

6. Illi l-intervent kirurgiku msemmi u d-danni kollha li soffriet l-esponenti b'konsegwenza tal-istess jammontaw ghal sbatax-il elf sitt mija u hdax-il euro u wiehed u sebghin centezmu (€17,611.71), kif ser jigi ppruvat waqt il-kors tal-kawza, inkluz mir-rifuzjoni tal-prezz tal-intervent maghmul mill-intimat.

7. Illi l-intimat kien offra illi jirrifondi lir-rikorrenti l-kumpens li huwa rcieva ghal tali intervent, izda rrifjuta illi jhallas id-danni konsegwenzjali ghall-istess intervent nonostante diversi interpellazzjonijiet, inkluz b'ittra ufficjali datata 14 ta' Lulju 2010 (1250/2010).

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qeda titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat wettaq l-intervent kirurgiku fuq ir-rikorrenti b'negligenza u b'nuqqas ta' osservanza tar-regoli tas-sengha u l-arti.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat huwa unikament responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti konsegwenza tan-negligenza tieghu fl-intervent kirurgiku minnu mwettaq, salv kull dikjarazzjoni opportuna illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa illi taghmel, inkluz illi r-rikorrenti soffriet dannu.

3. Tordna u tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' sbatax-il elf sitt mija u hdax-il euro u wiehed u sebghin centezmu (€17,611.71) jew somma ohra verjuri, rapprezentanti rifuzjoni tal-prezz tal-intervent in kwistjoni kif ukoll il-konsegwenzjali danni sofferti mir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 14 ta' Lulju 2010 (2150/2010) u bl-imghax legali skond il-ligi kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni, u bir-rizerva ghal kull azzjoni ohra li tista' tispetta lir-rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi L-eccipjent Dottor Stella ikkonceda prokura lill Avukati Dr. Godwin Muscat Azzopardi/Dr. Clayton Fenech kif jidher rnid-dokurnent P anness ma' din ir-risposta,

2. Illi t-talbiet fir-rikors promotorju huma ghal kollox infondati u jimmeritaw li jigu respinti billi da parti tal-eccipjent Dr. Stella il-proceduri medici saru kollha skond kif tindika il-professjonalita in materja u bl-akbar attenzjoni. Huwa mhux responsabbli ghal kwalunkwe danni li qed tippretendi r-rikorrenti.

Ir-rikorrenti tallega negligenza u nuqqas ta' hila izda dawn ma humiex ippruvati bic-certiflkat mediku li hi esibiet.

3. Bla pregudizzju ghal premess, illi kif jirrizulta waqt ix-xhieda fil-process gudizzjarju r-rikorrenti kienet taf precizament x'interventi kellhom isiru u accettat li dawn isiru. Dan billi hi inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' dak li kellu jsir skond ix-xewqat taghha. L-operazzjoni saret b'success u l-process ta' fejqan kien norma li (her recovery was uneventful, kif deskritta fir-records relativi).

4. Xi xahrejn wara r-rikorrenti regghet ghamlet appuntament mal-eccipjent Stella u talbet procedura ohra fuq il-parti ta' isfel tal-post in kwistjoni. Din l-operazzjoni saret u kif hu normali r-rikorrenti inghatat antibijotici ghal wara l-intervent.

5. Gimgha wara r-rikorrenti qalet li kellha xi fjammazzjoni izda gie nutat li kellha marki tax-xemx fuq il-parti koncernata. Kienet diga giet avzata ma tohrogx fix-xemx ghal certu perijodu. Pero wara xi granet ir-rikorrenti dahlet l-isptar b'abscess fuq il-lemin tal-parti in kwistjoni. Ghal tali abscess zgur illi l-eccipjent Stella ma ghandux responsabbilta.

6. Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

7. Illi bla pregudizzju ghal premess ir-rikorrenti trid tipprova d-danni kollha minnha reklamati. Inoltre kwalunkwe spejjez li saru mill-istess rikorrent huma kontestati ghaliex assolutament ma kienx hemm bzonnhom u bla pregudizzju ghal dan zgur ma kienx hemm bzonn ebda konsulta l-Ingilterra.

8. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti, ir-rapport peritali u n-noti tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza ghad-danni kontra professjonant mediku ghal negligenza professjonali. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. L-attrici ikkonsultat ma' professjonist lokali sabiex isir fuqha intervent purament estetiku fuq il-warrani taghha. Giet riferita St James Hospital fejn infurmawha li kien hemm professjonant fil-qasam ta' nazzjonalita Taljana li kien jispecjalizza f'dan il-qasam u li setghet taghmel appuntament mieghu. Hekk sar u fil-fatt il-konvenut accetta li jaghmel intervent fuq l-attrici maghruf bhala buttock augmentation and liposculpture. Dan sar fit-13 ta' Mejju 2009 u l-konvenut thallas tal-intervent. L-attrici ma kinitx kuntenta bir-rizultat tal-intervent u ftehmet mal-konvenut li jaghmel intervent fuqha bla hlas li sehh fl-20 ta' Lulju 2009. Dan l-intervent hu maghruf bhala adipose tissue scultpure. Wara dan l-intervent l-attrici kellha infezzjoni fuq in-naha tal-lemin tal-warrani u kien jehtieg intervent kirurgiku iehor biex jindirizza l-infezzjoni. Ghalkemm l-attrici ma xtaqitx li jsir mill-konvenut, dan gie imwettaq minnu fit-30 ta' Lulju 2009 ukoll bla hlas. Dan l-intervent kien jikkonsisti fi fluid collection removal. Wara dawn l-interventi l-attrici marret l-Ingilterra f'Ottubru 2010 ghal intervent kirurgiku iehor ghand Mr. Douglas Harrison u hallset minn butha ghal dan l-intervent. L-attrici issostni illi l-interventi tal-konvenut saru b'mod zbaljat u kontra prattika medika li issottoponewha ghal interventi kirurgici u danni.

Il-konvenut jwiegeb li l-attrici kienet taf sew in-natura tal-intervent u illi hu qeda dmiru skond il-prassi medika b'deligenza. Illi l-iffjammazzjoni innutata wara t-tieni intervent kien rizultat tal-fatt li l-attrici kellha marki tax-xemx fuq il-parti koncernata meta kienet giet avzata ma tohrogx fix-xemx ghal certu perjodu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Jibda biex jinghad illi fil-kura medika anki dik li ghandha x-taqsam mal-kirurgija estetika r-rapport tat-tabib u l-pazjent hu wiehed primarjament kontrattwali. Ara f'dan is-sens **Rose Gauci et vs Mr. Donald Felice et** (App 31/10/2008); **Joseph Micallef vs Dr. Ivan Vella** (PA

30/04/2013); **Linda Busuttil vs Dr. Josie Muscat et** (App 27/06/2014). Din il-Qorti pero ma teskludix kif qalet il-Qorti fil-kawza **Arthur George Lambert et vs Anthony Buttigieg pro et noe et** (Kost 18/04/1963) li jista' jkun hemm responsabilta extra kontrattwali naxxenti minn inadempjenza kontrattwali u t-tnejn jistghu jikkozistu. Hu minnu pero li d-distinzjoni hi aktar wahda dwar l-effetti milli wahda dwar il-htija per se ghax id-dannu jibqa' wiehed u huma l-konsegwenzi naxxenti mid-dannu li jinfluixxu fuq ir-rapport bejn il-partijiet. Wara kollox kulhadd irid jirrispondi ghal hsara li tigri bi htija tieghu anki minghajr hsieb li jaghmel hsara rifless fil-principju 'alterum non laedere', u li kif intqal fil-kawza **Il-Pulizija vs Louis Portelli** App Krim 04/02/1961) fil-kaz ta' professjonaista, id-diligenza li dan ghandu jopera hi dik ta' bniedem ordinarjament kompetenti fil-professjoni tieghu.

Maghdud dan hu pacifiku illi l-partijiet lahqu ftehim li l-konvenut kellu jaghmel intervent kirurgu fuq l-attrici ta' natura estetika. L-obbligazzjoni tal-professjonist fil-fehma tal-Qorti hi wahda di fare mhux di dare u hi kwalifikata bhala obbligazzjoni tal-mezz adoperat minghajr garanzija tal-finalita ahharija sakemm il-professjonist ma jkunx iggartanixxa mhux biss il-mezz izda wkoll ir-rizultat mixtieq. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Rose Gauci et vs Mr. Donald Felice et** gia citata 'f'kaz ta' tabib ir-responsabilta tieghu titqies di fare fejn it-tabib jigi imqabbad biex jaghti s-servizz tieghu bi skop li jottjeni ghan definit. Dan ma jottjenix rizultat allura jkun responsabbli ghad-danni'.

Mehudin dawn il-principji ghal fatti tal-kaz, jidher li mill-atti processwali, l-attrici mhix qed tilmenta li ma kinitx infurmata sew bil-procedura li kienet ser issir fuqha. Jidher li kien hemm 'informed consent' fuq l-intervent u li accettat dan l-intervent. Jidher illi kien hemm komunikazzjoni bejn it-tabib u l-pazjent dwar l-aspetti rilevanti tal-intervent partikolari u ghalhekk il-konvenut qed jigi prezunt li qeda l-obbligu tieghu li jwassal, jikkomunika u jispjega lil pazjent dak kollu li jghinha tapprezza u tiddeciedi b'mohh miftuh u b'volonta jekk ghandhiex tersaq ghall-intervent bir-riskji kollha li tali intervent jista' jgib mieghu, wara li tevalwa l-iskop, in-natura u l-konsegwenzi tal-intervent. Il-Qorti mhix ser tisplora f'aktar dettall din il-kwistjoni ghax il-lanzjanza tal-attrici hu dwar l-intervent u l-mod kif sar u qed tilmenta mill-konsegwenzi bhala attribwibbli ghal htija fl-adempjanza professjonali tal-konvenut.

Dan iwassal ghal mertu veru tal-vertenza. Fl-ewwel lok irid jigi stabbilit jekk il-konvenut illimitax ruhu li jezercita l-intervent u jiggarantixxi biss il-mezz cioe li l-intervent ikun sehh skond l-esigenza u r-responsabilta professjonali mistennija jew jekk il-konvenut marx oltre u wkoll iggarantixxa success cioe ezitu favorevoli kif mixtieq. Din il-Qorti tqis illi l-attrici tat x'tifhem illi l-konvenut igarantixxa is-success tal-intervent, fis-sens illi assigura lil attrici illi l-posterjuri taghha kien ser jammeljora minn kif raffigurat fil-fotografija 'A' esebit mill-attrici fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2012. L-attrici tixhed illi qabel l-ewwel intervent billi kienet bezghana bl-intervent u xtaqet assikurazzjoni mill-konvenut, dan assiguraha li ser ikolha 'brazilian butt' tant kien ser ikun perfett. Qabel it-tieni intervent, skond ix-xiehda ta' Erica Zerafa, habiba tal-attrici din semghet lit-tabib ighid lil attrici li setghet toqghod ghal intervent iehor biex jitpoggielha xi xaham fejn kien gie catt fil-parti ta' isfel tal-warrani, u jkollha warrani kif xtaqet cioe 'brazilian butt', u kien lest li jaghmel l-intervent. Iz-zija tal-attrici Vivienne Meli sostniet li l-attrici kienet qaltilha li l-konvenut kien ipprometta li l-warrani ser ikun perfett.

Din ix-xiehda mhix kontradetta mill-konvenut u lanqas giet skreditata permezz ta' xi kontroezami li sar lil partijiet koncernati. Is-skiet tal-konvenut fuq kwistjoni daqshekk serja ma jistax jittiehed bhala cahda izda ghandha tittiehed bhala ammissjoni tacita da parti tal-konvenut dwar element sostantiv f'dik li hi r-responsabilta professjonali tieghu ghal dak miftiehem. Il-konvenut jitqies li accetta li l-istandard professjonali tieghu ghal intervent ma hux biss limitat ghal intervent li irnexxa medikament izda li r-rizultat kien ukoll garantit.

Mehud dan bhala l-kejl ta' responsabilta assunta mill-konvenut, jirrizulta ampjament car anki ghal ghajn inesperta u mhux medika illi l-intervent ma lahaqx ir-rizultat mixtieq (ara ritratt B sa Kipprezentat mill-attrici fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2012 li juri l-istat tal-warrani wara t-tielet intervent mentri ritratt L juri l-warrani wara l-intervent li sar l-Ingilterra). Bl-ebda mod ma jista jitqies li l-intervent kellu r-rizultat mixtieq anki jekk wiehed kellu joqghod biss fuq dik li qal il-konvenut illi l-intervent kien mirat 'to aesthetically improve the contour of her buttocks, which she regarded as too flat'.

Anki pero jekk wiehed jiskarta l-garanzija ta' success tal-intervent, din il-Qorti tqis illi gie ippruvat illi l-konvenut mexxa l-intervent b'mod li ma lahaqx il-grad ta' responsabilta medika normali li wiehed jistenna u wera nuqqas fil-mod ta' kif ikkunduca l-intervent.

Fl-ewwel intervent, u dan gie identifikat anki fil-perizja medika, il-konvenut kellu juza implants b'dimensjoni ta' 325cc u hekk jidher li intuza mill-konvenut fir-rapport mediku tieghu. Hekk fil-fatt isostni fix-xiehda tieghu anzi jzid li hu gab biss implants ta' dik il-mizura u xejn aktar. Dawn baqghu f'posthom anki wara t-tieni intervent u dan jikkonfermah l-istess konvenut (Dok. XX esebiet fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2012). Invece meta l-attrici marret l-Ingilterra u l-kirurgu Ingliz wettaq intervent rattifikatorju, hu jikteb li l-implants li nehha kienu ta' 240cc kull wahda. Dan kien fit-13 ta' Ottubru 2010. Il-konvenut ma jaghti ebda spjegazzjoni ghal din id-diskrepanza fl-implants uzati meta d-differenza fil-kobor hi wahda mhix traskurabbli u anqas hemm xi prova illi r-rapport mediku ingliz hu zbaljat.

In kwantu ghall-infezzjoni li l-konvenut isostni li sehhet ghax l-attrici esponiet ruhha ghax xemx wara t-tieni intervent, u dan ghax iddezumih mill-marki fuq il-gilda esposta, waqt ix-xiehda l-istess konvenut ighid li l-faxxaturi kienu mahmugin pero dan ma irrizultax mir-rapport tieghu li ghamel fit-23 ta' Ottubru 2009 li jitkellem biss fuq 'tanning'. Il-perit mediku imqabbad mill-Qorti jiskarta fil-fatt it-tezi tal-konvenut u jghid li 'Dr. Stella's claim that the infection was contracted by exposure of the small surgical emissions to exterior sources is unfounded'.

Il-Qorti tqis ukoll illi l-fatt innifsu illi l-konvenut wettaq it-tieni u tielet intervent bla hlas minghajr ma kien ghadu inqala' ebda dizgwid bejn il-kontendenti sa dan iz-zmien mhux sinjal ta' xi att buona grazia jew agir karitatevoli izda pjuttost ta' rattifika ta' dak li ma sarx kif kellu jsir.

Hu minnu illi l-perit mediku imqabbad mill-Qorti ma kienx skjett fir-rapport tieghu li jghid li l-konvenut ghandu jinzamm civilment responsabbli ta' negligenza jew imperizja izda jaghmel acertamenti li jwassalu lil din il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut kien fil-fatt negligenti u ma uzax id-deligenza rikjesta minn professjonist. Dwar l-immaniggar tal-kaz ighid li l-'general management of the case was satisfactory but marred by a series of miscalculation'. Hu jitkellem dwar in-nuqqas tal-konvenut li jispjega lil attrici li jkun aktar specifiku fuq il-komplikazzjonijiet li jistghu jinsorgu f'interventi simili u l-possibilita ta' 'revision surgery'. Ighid illi t-tip ta' implants uzati kienu accettabbli izda li l-konvenut kien konservattiv fuq id-daqs. Rigward ir-rapport mediku Ingliz, ighid li minn dan ir-rizultanza, jidher li l-konvenut qieghed l-implants aktar il-fuq minn fejn kellhom isiru. Rigward it-tieni intervent ighid li l-procedura

uzata ta’ liposuction bil-mod kif uzata jaghti lok ghal infezzjoni ghalkemm bhala procedura hi accettabbli pero b’limitazzjonijiet u kumplikazzjonijiet. Rigward l-injezzjonijiet li issubiet l-attrici kif preskritti mill-konvenut, dawn ma humiex adattati biex jigi trattat l-abscess ifformata bl-infezzjoni tant li l-attrici kellha tigi riammessa l-isptar. Jikkonkludi illi li jifhem li l-konvenut kien dizappuntant li l-ewwel intervent ma kellux is-success mixtieq mill-attrici pero t-tieni intervent rimedjali ma kellux success u gie kumplikat b’infezzjoni u abscess li ma giex trattat mill-ewwel.

Hi l-fehma tal-Qorti illi dawn il-kummenti da parti tal-perit mediku imqabbad mill-Qorti jwasslu lil Qorti taqbel mal-perit legali illi ghandhom iwasslu ghal konkluzjoni illi l-konvenut naqas mid-dmir li jespleta l-inkarigu miftiehem skond il-prattika professjonali medika rikjesta minnu. Basta jinghad li n-nuqqas tal-konvenut li juza implants ta’ dimensjoni kif hu stess jixhed li kellu juza wassal ghat-tieni intervent li wkoll ma kellux success kif maghmul u di piu ikkreja komplikazzjonijet ulterjuri. Dan kollu sehh minhabba nuqqas da parti tieghu li jezercita dik is-sengha professjonali normalment rikjesta fil-kamp specjalizzat tieghu anki jekk ebda success tal-intervent, ghal grazzja tal-argument, ma kien garantit.

**Danni**

L-attrici qed titlob biss damnum emergens. Hi qed titlob €17,814.43 ghal spejjez inkorsi qabel l-intavolar tal-kawza u €12,161 ghal spejjez li baqghet tisborza waqt il-kawza. Ghalkemm l-ammont mitlub mill-attrici fil-kawza hu ta’ €17,611.71 pero hu kwalifikat bil kliem ’jew somma verjuri’ li jfisser kull ammont iehor li jista jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. In fatti l-ammont mitlub mill-prezentata tal-kawza jaqbel kwazi ezatt mal-prospett ta’ danni gia maghrufa mal-prezentata tal-kawza.

Il-Qorti hi tal-fehma illi dawn id-danni huma gustifikati. Is-somma ta’ €5,418.43 hi gustifikata ghax hi s-somma minfuqa ghall-intervent kirurgiku f’Malta li ma lahaqx il-livell mistenni. Is-somma ta’ €19,599 ghal kura u interventi fl-Ingilterra hi misthoqqha ghax hi r-rizultat tan-nuqqasijiet tal-konvenut fl-intervent maghmul minnu li innecessitaw il-kura u l-interventi ulterjuri. L-ispiza ta’ €3,710 ghal spejjez ta’ safar u granet ta’ soggorn sakemm sar l-intervent hu konsegwenzjali ghall-ispiza tal-intervent mediku fl-Ingilterra li ghalihom ukoll irid jirrispondi

l-konvenut. Il-Qorti ma tqis pero gustifikata it-telf ta' paga ta' €1,248 ghal perjodu Mejju sa Awwissu 2009 ghaliex ebda prova ta' dan it-telf ma sar.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u tilqa' t-talbiet attrici billi tiddikjara li gie kagonat dannu lil attrici fl-interventi kirurgici maghmula lilha minhabba negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regoli tas-sengha u l-arti professjonali da parti tal-konvenut. Konsegwentement tikkundanna lil konvenut ihallas lil attrici s-somma ta' €28,727.43 in linea ta' danni bl-imghax jiddekorri in kwantu ghas-somma ta' €17,611.71 mid-data tan-notifika lil konvenut b'att gudizjarju li jispecifika tali ammont; u ghal bilanc ta' €11,115.72 mid-data ta' din is-sentenza sal-eventwali pagament. Spejjez jithallsu mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------